

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 —
Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-279/04) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Konċertazzjonijiet — Edizzjoni frankofona — Deċiżjoni li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni bil-kundizzjoni li jintraddu lura l-assi — Rikors għal annullament ta' akkwirent possibbli mhux magħżul — Obbligu ta' motivazzjoni — Frodi — Żball ta' liġi — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Regolament (KEE) Nru 4064/89”)

(2010/C 301/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Éditions Odile Jacob SAS (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: O. Fréget, W. van Weert, I. de Seze, M. Struys, M. Potel u L. Eskenazi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. Whelan, O. Beynet, A. Bouquet u F. Arbault, sussegwentement A. Bouquet u O. Beynet, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Lagardère SCA (Pariġi) (rappreżentanti: inizjalment A. Winckler u I. Girgenson, sussegwentement A. Winckler, F. de Bure u J. B. Pinçon, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/422/KE, tas-7 ta' Jannar 2004, li tiddikjara operazzjoni ta' konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Każ Nru COMP/M.2978 — Lagardère/Natexis/VUP) (ĠU L 125, p. 54)

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Éditions Odile Jacob SAS hija kkundannata tbatu l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn Lagardère SCA.

⁽¹⁾ ĠU C 262, 23.10.2004.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 —
Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-452/04) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Pubblikazzjoni Frankofona — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni bil-kundizzjoni ta' ċessjoni mill-ġdid ta' assi — Deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-akkwirent tal-assi ċeduti mill-ġdid — Rikors għal annullament ta' akkwirent prospettiv li mhuwiex ikkunsidrat — Indipendenza tal-mandatarju — Regolament (KEE) Nru 4064/89”)

(2010/C 301/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Éditions Odile Jacob SAS (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: W. van Weert, O. Fréget, M. Struys, M. Potel u L. Eskenazi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn A. Whelan, O. Beynet, A. Bouquet u F. Arbault, sussegwentement minn A. Bouquet u O. Beynet, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2004) D/203365, tat-30 ta' Lulju 2004, dwar l-approvazzjoni ta' Wendel Investissement bħala akkwirenti tal-assi ċeduti skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/422/KE, tas-7 ta' Jannar 2004, li tiddikjara operazzjoni ta' konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Każ Nru COMP/M.2978 — Lagardère/Natexis/VUP) (ĠU L 125, p. 54).

Dispożittiv

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2004) D/203365, tat-30 ta' Lulju 2004, dwar l-approvazzjoni ta' Wendel Investissement bħala akkwirenti tal-assi ċeduti skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/422/KE, tas-7 ta' Jannar 2004, li tiddikjara operazzjoni ta' konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Każ Nru COMP/M.2978 — Lagardère/Natexis/VUP), hija annullata.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea u Lagardère SCA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom u dawk sostnuti minn Éditions Odile Jacob SAS.